# L-Isfruttament tal-Art għal Motivi Ekonomiċi

**MICHAEL GRIMA**

Każ Morali ppreżentat bħala parti mill-kors
tat-Teoloġija Morali:
Dritt u Ġustizzja

**SEMINARJU MAĠĠURI TAL-QALB TA' ĠESÙ**
**Victoria – Għawdex**
**Jannar 2016**

# WERREJ


**Il-Każ Morali** 3

**Introduzzjoni** 4

**1. Is-Sitwazzjoni Preżenti u l-Konsegwenzi li ġġib magħha** 5

1.1 Benefeċċji Ekonomiċi mill-Industrija tal-Mineriji 5

1.2 Il-Prezz li jitħallas biex isseħħ l-Industrija tal-Minerija 6

**2. Id-Drittijiet u l-Obbligi tal-Kumpaniji Privati** 9

2.1 Id-Drittijiet tal-Kumpaniji Privati 9

2.2 L-Obbligi tagħhom lejn is-Soċjetà u lejn iċ-Ċittadini 10

**3. Ir-Responsabbiltà tal-Istati u ta' Organizzazzjonijiet oħra** 13

3.1 L-Irwol tal-Istat fil-ħarsien tad-Drittijiet taċ-Ċittadini 13

3.2 L-Impenn favur il-Ġid Komuni tal-Umanità 14

**Konklużjoni** 17

**Biblijografija** 18

## IL-KAŻ MORALI

Fl-Enċiklika *Laudato Si'* fin-numru 164, Papa Franġisku japprezza l-fatt li qed tinħoloq kuxjenza (*consciousness*) fost il-bnedmin li l-pjaneta dinja hija d-dar tagħna lkoll u li aħna l-bnedmin aħna poplu wieħed li jgħix f'dar waħda. Għaldaqstant hu jikkonkludi li ċerti proġetti li jmissu lil diversi pajjiżi għandhom jittieħdu minn din il-prospettiva globali, mhux biss skont il-ħtiġijiet ta' grupp limitat ta' nies u skont il-ħtiġijiet interni tal-pajjiżi ikkonċernati biss.[1]

Eżempju partikulari huwa dak tal-Gwatemala. Tul l-aħħar ħamsin sena, diversi kumpaniji multinazzjonali investew f'dan il-pajjiż, li għadu qed jiżviluppa, u qegħdin jużaw l-art tiegħu biex joħorġu diversi minerali u metalli għall-kummerċ. Filwaqt li jagħmlu dan bil-barka tal-Gvern tal-Gwatemala, mhux dejjem qed tiġi rrispettatata x-xewqa u d-dinjità tal-persuni, ħafna drabi indiġeni, li jgħixu fl-akwati ta' dawn il-proġetti. Barra minn hekk jiġri wkoll li l-użu tal-art isir b'mod irreparabbli, b'tali mod li mhux jiġu rrispettati d-drittijiet tal-ġenerazzjonijiet futuri.

Jista' pajjiż biex isolvi l-problemi ekonomiċi tiegħu ma jagħtix kas tal-persuni l-aktar vulnerabbli?

Kif jista' dan it-tagħlim ta' Papa Franġisku jkollu qawwa fid-dawl ta' din il-kuxjenza globali fuq livell internazzjonali?

[1] Ara Papa Franġisku, Enċiklika *Dwar l-Għożża tad-Dar Komuni. Laudato Si'* (24 ta' Mejju 2015), n. 164, edizzjoni Maltija, Malta 2015, 173-174.

## INTRODUZZJONI

Skont rapport maħruġ fl-2014 mill-organizzazzjoni mhux governattiva, *Amnesty International*, madwar tletin fil-mija tal-popolazzjoni tal-Gwatemala tgħix f'faqar estrem. Dan il-faqar wassal biex tul l-aħħar snin il-pajjiż ikkunsidra l-estrazzjoni ta' riżorsi minerali u metalliċi (l-aktar deheb, fidda u nikil) bħala sors ewlieni għall-iżvilupp ekonomiku tal-pajjiż. Sal-4 ta' Jannar 2014 ġew offruti mitt liċenzja għal tħaffir ta' mineriji. Dawn kollha kienu qed joperaw sal-4 ta' Jannar tal-istess sena.[2] Sa tmiem l-2014 il-produzzjoni totali frott l-estrazzjoni ta' metalli u riżorsi minerali oħra fil-Gwatemala kien stmat li tlaħħaq il-valur ta' US$778miljun.[3]

Dawn il-proġetti ġabu magħhom konflitti, protesti, vjolenza, serq u mwiet. L-istess rapport jistqarr li l-proġetti ħallew impatt negattiv qawwi fuq is-soċjetà kollha tal-Gwatemala speċjalment fuq in-nies l-aktar vulnerabbli. Dawn huma l-indiġeni li jgħixu fil-limiti tal-proġetti u li l-għixien tagħhom jiddependi esklussivament mill-agrikultura.[4]

Il-fatt li wieħed ikun jippossiedi propjetà ma jagħtihx id-dritt li jagħmel biha li jrid, b'tali mod li jkun ta' detriment għall-bqija tas-soċjetà. Id-dritt tal-propjetà privata jġorr miegħu ċerta responsabbiltajiet.[5] Min-naħa l-oħra l-istat għandu l-obbligu li jħares u jxettel il-ġid komuni[6], jiġifieri "l-ġabra flimkien ta' dawk il-kundizzjonijiet tal-ħajja soċjali li jippermettu kemm lill-għaqdiet, u kemm lil kull membru li jiksbu l-perfezzjoni tagħhom aktar sħiħa u aktar malajr"[7].

Huma ħafna s-soċjetajiet li llum għarfu li l-ġid komuni jista' jintlaħaq biss jekk ikun hemm żvilupp sostenibbli. Papa Franġisku, fl-Enċiklika *Laudato Si'* spjega li "biex nistgħu nitkellmu fuq żvilupp awtentiku, irridu nagħmlu mezz li jkun hemm titjib sħiħ fil-kwalità tal-ħajja umana, u dan ifisser li nanalizzaw l-ispazju li fih tiżvoliġi l-ħajja tal-bnedmin"[8]. L-istess Papa, fl-Enċiklika, jistqarr li l-ekoloġija integrali hi s-soluzzjoni konkreta għal dawn l-isfidi. Din tinkludi fiha r-rispett lejn l-art, ir-rispett lejn il-bniedem u r-rispett lejn il-ġenerazzjonijiet futuri.

---

[2] See Amnesty International, *Guatemala. Mining in Guatemala: Rights at Risk* (September 2014), 7, in *amnesty.org* (on-line) : http://www.amnesty.ca/sites/amnesty/files/mining-in-guatemala-rights-at-risk-eng.pdf (19 November 2015).

[3] See Gobierno de Guatemala. Ministerio de Energía y Minas, *Anuario Estadístico Minero 2014* (Junio 2015), in *Gobierno de Guatemala* (on-line) : http://www.mem.gob.gt/wp-content/uploads/2015/06/ANUARIO-ESTAD%C3%8DSTICO-MINERO-2014.pdf (19 November 2015).

[4] See Amnesty International, *Guatemala. Mining in Guatemala: Rights at Risk*, 7.

[5] See Karl H. Peschke, *Christian Ethics. Moral Theology in the Light of Vatican II*, ii, New Revised Edtion, Bangalore 2004, 736.

[6] Ara Papa Franġisku, *Laudato Si'*, n. 157, 165.

[7] *Gaudium et Spes. Kostituzzjoni Pastorali dwar il-Knisja fid-Dinja tal-Lum* (7 ta' Diċembru 1965), n. 26, in *Id-Dokumenti tal-Konċilju Ekumeniku Vatikan II*, Valletta [2]2003, 350.

[8] Papa Franġisku, *Laudato Si'*, n. 147, 156.

# 1. Is-Sitwazzjoni Preżenti u l-Konsegwenzi li Ġġib Magħha

Il-proġetti tal-użu tal-art għall-estrazzjoni ta' riżorsi minerali u metalliċi huma proġetti li jħallu ħafna flus. Jekk dawn il-proġetti jitħaddmu b'mod ġust jistgħu jwasslu biex l-ekonomija tal-pajjiż tqum fuq saqajha. Min-naħa l-oħra l-esperjenza tgħallimna li fir-realtà dan mhux qed iseħħ. Ironikament, il-pajjiżi l-aktar għonja fir-riżorsi naturali huma l-pajjiżi li għandhom l-aktar livell għoli ta' faqar. Kif jistqarr Papa Franġisku, dan jiġri għax: "ir-riżorsi jsiru propjetà tal-ewwel wieħed li jasal jew ta' dak li għandu l-iżjed saħħa: ir-rebbieħ jaħtaf kollox".[9] Għaldaqstant din is-sistema qed iġġib magħha inġustizzji kbar.

## 1.1 Benefeċċji Ekonomiċi mill-Industrija tal-Mineriji

Tista' qatt l-estrazzjoni ta' riżorsi minerali u metalliċi titqies bħala żvilupp sostenibbli? Wieħed jista' jasal li jwieġeb din il-mistoqsija meta jistudja tajjeb il-benefiċċji ekonomiċi, ambjentali u soċjali li jġibu magħhom proġetti simili. Dan għandu jagħmlu filwaqt li jikkunsidra l-prezz li wieħed irid iħallas minħabba proġett simili. Fil-fatt, dawn il-proġetti jistgħu jitqiesu sostenibbli biss meta d-dħul finanzjarju li jħallu jiġi investit biex iwassal għal ħolqien ta' realtajiet li jistgħu jġibu 'l quddiem lis-soċjetà lokali. Hawn wieħed jista' jsemmi infrastruttura, ċentri ta' edukazzjoni u ċentri ta' saħħa. Dawn, min-naħa tagħhom jistgħu jwasslu biex fil-futur l-ekonomija tal-istess pajjiż tqum fuq saqajha u b'hekk titjieb il-kwalità tal-ħajja taċ-ċittadini partikulari.[10]

Minn rapport maħruġ mill-*Global Development and Environment Institute* tal-Università ta' Tufts f'Massachusetts (fl-Istati Uniti), iċ-ċittadin fil-Gwatemala jista' jibbenefika minn din l-industrija billi jinvesti fl-ishma tal-kumpaniji. Madankollu, minħabba l-faqar, il-maġġoranza tal-popolazzjoni m'għandhiex il-possibbiltà li tinvesti l-flus tagħha. Benefiċċji ekonomiċi aktar diretti u konkreti huma l-ħlasijiet ta' taxxi mill-kumpaniji lill-Gvern tal-Gwatemala (ħlasijiet oħra jinkludu r-*royalties*). Hemm ukoll il-ħlasijiet tas-salarji tal-ħaddiema tal-post, impjegati mal-kumpaniji, u x-xiri ta' makkinarju u ħtiġijiet oħra li l-kumpaniji jagħmlu fil-pajjiż

---

9 Papa Franġisku, *Laudato Si'*, n. 82, 86.

10 See Lyuba Zarsky – Leonardo Stanley, *Searching for Gold in the Highlands of Guatemala: Economic Benefits and Environmental Risks of the Marlin Mine* (September 2011), 7, in Global Development and Environment Institute: *Tufts University MA* (on-line) : https://ase.tufts.edu/gdae/policy_research/marlinemine.pdf (3 December 2015).

fejn ikunu qed jaħdmu. Wieħed irid jinkludi wkoll l-investimenti soċjali li xi wħud mill-kumpaniji jwettqu fl-istess pajjiż biex ipattu għad-danni li huma jkunu qed jagħmlu liċ-ċittadini permezz tal-industrija tagħhom. Benefiċċji ekonomiċi indiretti jirriżultaw mill-*multiplier effects* fl-infiq tal-kumpaniji u tal-ħaddiema. Hu diffiċli li wieħed ikejjel il-valur konkret ta' dawn il-benefiċċji.[11]

Għalkemm minn dan li ssemma sa issa jidher li proġetti bħal dawn jistgħu jħallu diversi benefiċċji ekonomiċi lill-komunità, il-Bank Dinji (*World Bank*) jikkonferma li l-parti l-kbira tal-valur irkuprat tiġi esportata u ma tgawdihiex il-komunità u n-nazzjon oriġinarju. Saħansitra ħafna drabi jiġri li l-istess ħaddiema fil-mineriji ma jkunux mill-post imma jkunu nies barranin. Għaldaqstant mhuwiex biżżejjed li wieħed jistudja x'valur qed jiġi esportat mill-pajjiż. Dak li jrid jiġi studjat hu x'impatt qed iħallu dawn il-proġetti fuq il-ħajja taċ-ċittadini li qed jgħixu fil-limiti ta' dawn il-mineriji u anki fuq il-bqija taċ-ċittadini tal-pajjiż. Wieħed irid jistudja wkoll l-impatt ta' dawn il-proġetti fuq ir-relazzjoni bejn il-komunitajiet lokali u l-gvern ċentrali tal-pajjiż.[12]

## 1.2 Il-Prezz li jitħallas biex isseħħ l-Industrija tal-Minerija

Mal-medda taż-żmien il-komunitajiet lokali bdew jagħrfu aktar li huma qed ikollhom iġorru weħidhom l-effetti negattivi kollha li ġġib magħha din l-industrija. Fost dawn l-aspetti negattivi wieħed jista' jsemmi l-kontaminazzjoni tal-ambjent; il-ħsara fuq l-agrikultura u b'konsegwenza ta' hekk in-nuqqas ta' ikel; restrizzjonijiet ta' aċċess ta' art li tradizzjonalment kienet meqjusa tal-komunità; u fil-kuntest tal-Gwatemala, il-preżenza militari kontinwa biex jitħarsu s-siti.[13]

Għalkemm il-komunitajiet qed jerfgħu l-konsegwenzi negattivi kollha, huma qed jagħrfu li l-benefiċċji li qed jieħdu huma sproporzjonati meta mqabbla mal-prezz li qed ikollhom iħallsu. Studji tal-Bank Dinji (*World Bank*) ikkonformaw li dan l-għarfien qed jiġri frott il-fatt li fil-preżent din l-industrija, minħabba t-teknoloġija moderna tagħha, qed tħaddem ħafna inqas nies tal-post. B'dan il-mod iċ-ċittadini li jgħixu fil-viċinanzi tal-minerija, mhumiex ikollhom qligħ finanzjarju

---

[11] See Ibid., 20.

[12] See THOMAS M. POWER, *Metals mining and sustainable development in Central America. An assessment of benefits and costs* (2008), 19-20, in *Oxfam America MA* (on-line) : http://www.oxfamamerica.org/static/media/files/metals-mining-and-sustainable-development-in-central-america.pdf (3 December 2015).

[13] See AMNESTY INTERNATIONAL, *Guatemala. Mining in Guatemala: Rights at Risk*, 9.

bħalma kien ikollhom fil-passat. Konsegwenzjalment huma qed jitolbu benefiċċji oħra biex jitħallsu għas-sagrifiċċji tagħhom.[14]

Papa Franġisku, fl-ewwel kapitlu tal-Enċiklika *Laudato Si'*, jagħmel referenza għal diversi kwistjonijiet ambjentali li ġab miegħu l-progress. Fost dawn isemmi t-telf tal-bijodiversità li sseħħ frott il-qerda tal-foresta.[15] Fil-Gwatemala nsibu persentaġġ għoli ta' foresta, madankollu mal-medda taż-żmien, minħabba l-progress, il-pajjiż sofra minn deforestazzjoni qawwija.

Il-Papa jikkummenta wkoll fuq it-taħsir tal-kwalità tal-ħajja tal-bniedem, l-aktar minħabba l-privatizzazzjoni tal-ispazji.[16] Fil-kuntest tal-Gwatemala din il-kwistjoni qed tolqot mill-qrib lill-popolazzjoni indiġena. Dawn in-nies ma jqisux lilhom infushom sempliċement bħala l-possessuri tal-art imma jqisu lill-art bħala ommhom. 'L hinn mill-argument jekk din l-art hix tagħhom legalment, huma jħossuhom marbutin magħha għax twieldu fiha, għax hi toffrilhom l-ikel u minħabba l-fatt li missirijiethom tul iż-żmien, dejjem ipproteġuha.[17]

Kwistjoni oħra li jsemmi l-Papa fl-Eċiklika *Laudato Si'* hija l-inugwaljanza. Hu jikkwota dokument tal-Konferenza Episkopali Bolivjana li jgħid, li: "l-agħar effett tal-vjolenza kollha li ssir fuq l-ambjent iġarrbuhom l-aktar nies foqra"[18]. Għaldaqstant fl-għeruq tal-problemi ekoloġiċi li qed naffrontaw fi żmienna hemm in-nuqqas tat-tqassim ġust tar-riżorsi. Il-Papa jkompli jistqarr li "jeżisti 'dejn ekoloġiku', fuq kollox bejn it-Tramuntana u n-Nofsinhar, marbut ma' żbilanċi kummerċjali fil-qasam ekoloġiku, kif ukoll mal-użu sproporzjonat tar-riżorsi naturali storikament imwettaq minn xi pajjiżi"[19].

Tul iż-żmien l-isqfijiet tal-Gwatemala kkummentaw fuq is-sofferenza tal-poplu minħabba il-privileġġ li jingħata lil min qed imexxi proġetti multinazzjonali filwaqt li l-popolazzjoni (li l-maġġoranza tagħha hi fqira) qed tkompli titfaqqar. Huma kkundannaw il-fatt li meta xi nies jipprotestaw quddiem din l-inġustizzja, dawn jiġu meqjusa kriminali u jiġu arrestati. Dan kollu jwassal għal insigurtà kbira u

[14] See Power, *Metals mining and sustainable development in Central America. An assessment of benefits and costs*, 19-20.
[15] Ara Papa Franġisku, *Laudato Si'*, n. 32-42, 38-46.
[16] Ara Ibid., n. 45, 47.
[17] See Diócesis de Quiché, Mensaje a las comunidades católicas y a la población en general, *Ante la Problemática de Hidroeléctricas y Minerías* (15 septiembre 2014) in *Conferencia Episcopal de Guatemala* (on-line) : http://www.iglesiacatolica.org.gt/20140915.pdf (3 December 2015).
[18] Papa Franġisku, *Laudato Si'*, n. 48, 50.
[19] Ara Ibid., n. 51, 54.

ħafna drabi s-sitwazzjoni tiġi f'idejn gruppi kriminali li min-naħa tagħhom joħolqu ambjent ta' vjolenza. Bħala risposta għall-faqar dawn il-gruppi jippromwovu l-kummerċ illegali (bħalma hi l-kriminalità organizzata u s-suq tad-droga). Min-naħa l-oħra, biex jipprova jżomm l-ordni l-Gvern tal-Gwatemala jirrispondi billi jniżżel l-armata tal-pajjiż fit-toroq.[20]

Kif stqarret il-Konferenza Episkopali tal-Gwatemala f'April li għadda, il-politika tal-mineriji promossa mill-Gvern tal-Gwatemala hija azzjoni inġusta fuq il-popli indiġeni u tmur kontra d-dritt storiku ta' dawn in-nies li jkollhom l-art tagħhom, il-ġid naturali tagħhom, li jmexxu huma l-art tagħhom u d-determinazzjoni ħielsa. Sfortunatament din il-politika għamlet ħafna ħsara u kissret it-tessut soċjali ta' ħafna familji li jgħixu fl-akwati tal-mineriji, b'mod speċjali kissret l-agrikultura u b'konsegwenza l-alimentazzjoni ta' dawn in-nies.[21]

[20] See Diócesis de San Marcos, Comunicado a la opinión pública, nacional e internacional, *Ante los últimos acontecimientos que se han vivido en el Departamento de San Marcos* (22 junio 2013) in *Conferencia Episcopal de Guatemala* (on-line) : http://www.iglesiacatolica.org.gt/20130622.pdf (3 December 2015).

[21] See Conferencia Episcopal de Guatemala. Comisión Omisión Pastoral de la Tierra Nacional, *Comunicado de la Pastoral de la Tierra Nor Oriente* (22 abril 2015) in *Conferencia Episcopal de Guatemala* (on-line) : http://www.iglesiacatolica.org.gt/20150422.pdf (3 December 2015).

# 2. ID-DRITTIJIET U L-OBBLIGI TAL-KUMPANIJI PRIVATI

Fil-Kostituzzjoni pastorali *Gaudium et Spes*, tal-Konċilju Vatikan II, insibu li: "Alla ddestina l-art b'dak kollu li fiha għall-użu tal-bnedmin u tal-popli kollha b'mod li kulħadd għandu jkollu sehem bi kriterju ekwu mill-ġid kollu maħluq u dan it-tqassim għandu jsir bil-ġustizzja mgħaqqda mal-karità"[22].

Fl-istess waqt il-Knisja, tul il-mixja tal-istorja tagħha, iddefendiet id-dritt li l-persuna jkollha dominju privat fuq il-ġid materjali u l-propjetà. Ir-raġuni li ġġib l-istess *Gaudium et Spes* hija li l-propjetà privata sservi biex: "il-persuna tesprimi ruħha, u billi tagħti wkoll lill-bniedem l-okkażjoni li jaqdi dmiru fis-soċjetà u fit-tħaddim tal-ekonomija"[23]. Wieħed jikkonkludi għalhekk li d-dritt tal-propjetà privata ma jeskludix l-obbligu li għandha l-kumpanija privata li tħares id-drittijiet tal-persuni li b'xi mod il-ħajja tagħhom tiġi milquta mill-attività tagħha.

## 2.1 Id-Drittijiet tal-Kumpaniji Privati

Il-propjetarju għandu diversi drittijiet. Hu għandu l-jedd li jiddisponi liberament mill-propjetà tiegħu. Għandu d-dritt li jibbenefika wkoll mill-frott li se toffrilu l-propjetà tiegħu (frott naturali jew industrijali). Il-propjetarju għandu d-dritt li jeskludi oħrajn milli jagħmlu użu mill-propjetà tiegħu.[24]

Persuna jew persuna ġuridika ssir leġġittimament propjetarju ta' oġġett mobbli jew immobbli permezz tax-xogħol, jew billi tokkupa xi ħaġa li mhi ta' ħadd, jew permezz tad-dritt tas-suċċessjoni, jew bi preskrizzjoni jew permezz ta' kuntratt.[25] Kull kuntratt jippreżenta l-kundizzjonijiet partikulari tiegħu bid-drittijiet u bid-dmirijiet marbuta ma' dan l-att ġuridiku. Fil-każ li qegħdin nistudjaw aħna, jiġifieri l-estrazzjoni ta' riżorsi minerali, kull stat ikollu l-politika partikulari tiegħu li fuqha jibni l-kuntratti tiegħu.

Fil-każ tal-Gwatemala dawn il-kuntratti jiġu msawra skont il-*Liġi tal-Minerija*. Fiha wieħed isib il-kundizzjonijiet kollha li jwasslu biex biċċa art tgħaddi għand kumpanija privata sabiex din, min-naħa tagħha tesploraha u permezz ta' minerija

[22] *Gaudium et Spes*, n. 69, 390.
[23] Ibid., n. 71, 391.
[24] See PESCHKE, *Christian Ethics. Moral Theology in the Light of Vatican II*, II, 710.
[25] See Ibid., 720-736.

tfittex li tagħmel estrazzjoni ta' riżorsi minerali jew metalliċi. F'din il-liġi nsibu li l-propjetarju tal-art għandu d-dritt li jfittex, jistudja, janalizza u jevalwa l-materjal li għalih hu jkun beda legalment din l-ispedizzjoni fil-limiti tat-territorju miftihem. Din l-ispedizzjoni tista' ttul biss sa massimu ta' għaxar snin. Fi tmiem dawn l-għaxar snin, l-art terġa' tgħaddi f'idejn il-Gvern tal-Gwatemala.[26]

## 2.2 L-Obbligi tagħhom lejn is-Soċjetà u lejn iċ-Ċittadini

San Ġwanni Pawlu II, fl-Enċiklika *Laborem Exercens*, jistqarr: "It-tradizzjoni Nisranija qatt ma żammet li dan id-dritt (tal-propjetà) hu assolut u ħadd ma jista' jmissu. Għall-kuntrarju, il-Knisja dejjem fissret... li d-dritt għall-propjetà privata hu subordinat għad-dritt tal-użu minn kulħadd, tal-ġid tad-dinja"[27]. F'dan id-dawl l-individwi u l-kumpaniji li jippossiedu kapital ma jistgħux iżommu dawn il-mezzi għalihom, f'oppożizzjoni għax-xogħol. Hu "ma jistax iżommhom għalih għall-gost biss li huma tiegħu, għaliex ir-raġuni waħdanija biex ikunu propjetà ta' xi ħadd – fil-każ ta' propjetà privata u sew fil-każ ta' propjetà pubblika jew kollettiva – hi biss li huma meħtieġa għax-xogħol"[28]. B'dan il-mod nifhmu li dawk kollha li jiksbu d-dritt li jisfruttaw l-art billi jfittxu l-minerali jew il-metalli għandhom ċerti obbligi lejn l-istat li qed joffrilhom din il-possibbiltà u lejn iċ-ċittadini tal-pajjiż.

Il-*Liġi tal-Minerija* tal-Gwatemala tikkontempla d-dmirijiet li l-kumpaniji privati għandhom fil-konfront tas-soċjetà. Jekk dawn l-obbligi ma jiġux imħarsa l-kumpanija tirriskja li titlef il-liċenzja tagħha. Qabel kollox il-kumpanija hi mitluba tħallas t-taxxi u r-*royalties* lill-istat u lill-kunsilli muniċipali. Dawn jiġu maħduma skont l-volum ta' materjal li jinkiseb.[29] Fl-istess waqt il-kumpanija hi obbligata tagħmel tajjeb għad-danni li terzi persuni jsoffru minħabba l-proġetti tagħha.[30]

Barra minn hekk il-kumpanija hi mistennija li meta tapplika għal-liċenzja tippreżenta rapport fuq l-impatt ambjentali li se jħalli l-proġett. Dan għandu jiġi approvat mill-Kummissjoni Nazzjonali tal-Ambjent. Apparti dan kollu l-kumpanija hi mistennija li fi tmiem ta' kull sena tibgħat rapport li jinkludi fih spjegazzjoni tat-

---

[26] See GOBIERNO DE GUATEMALA. MINISTERIO DE ENERGÍA Y MINAS, *Ley de Minería y su Reglamento Guatemala* (11 mayo 2001), art. 24-25, in *Gobierno de Guatemala* (on-line) : http://www.mem.gob.gt/wp-content/uploads/2015/06/2._Reglamento_ a_Ley_de_Mineria_Acuerdo _Gubernativo_176_2001.pdf (8 December 2015).

[27] SAN ĠWANNI PAWLU II, Enċiklika *Fuq ix-Xogħol tal-Bniedem. Laborem Exercens* (14 ta' Settembru 1981), n. 14, fi *laikos.org* (on-line) : http://www.laikos.org/Papiet_Index.htm (8 ta' Diċembru 2015).

[28] Ibid.

[29] See GOBIERNO DE GUATEMALA. MINISTERIO DE ENERGÍA Y MINAS, *Ley de Minería y su Reglamento Guatemala*, art. 61.

[30] See Ibid., art. 23.

tipi ta' materjal li jkunu nstabu, il-piż u l-volum ta' materjal li ġie esplorat u t-total ta' materjal li ġie esportat mill-pajjiż. L-Istat jitlob li fir-rapport jiġu spegati l-metodi wżati biex il-materjal ġie irkuprat.[31]

Papa Franġisku, fl-Enċiklika *Laudato Si'* jikkritika l-fatt li l-ekonomija tħares lejn: "kull żvilupp teknoloġiku għal skop ta' profitt, bla ma tagħti kas tal-konsegwenzi negattivi li jaf ikun hemm fuq il-bniedem. L-interess finanzjarju jifga l-ekonomija vera... (jiġifieri) livell ġust ta' produzzjoni, tqassim aħjar tal-ġid, għożża responsabbli tal-ambjent jew id-drittijiet tal-ġenerazzjonijiet li ġejjin."[32] Il-Papa jikkritika l-fatt li diversi, bl-imġiba tagħhom, juru li jimpurtahom biss mill-profitti mingħajr ma jinteressahom l-iżvilupp sħiħ tal-bniedem u l-inklużjoni soċjali.

Fil-fatt, waħda mill-kawżi mmedjati tal-Gwerra Ċivili fil-Gwatemala (li tawlet tletin sena) kienet il-kwistjoni tal-mineriji. Dakinhar (fl-1965), meta l-Gvern tal-Gwatemala ta permess lil kumpanija privata (*Inco's Exmibal Mine*) biex tibda tesplora l-art għall-minerali, bagħat lill-armata biex tkeċċi bil-forza lill-persuni foqra (indiġeni) li kienu qed jgħixu fuq l-art fejn kienet se ssir l-minerija. Dan wassal għal rewixta min-naħa tal-poplu. Għal dan kollu l-Gvern irrisponda bil-kampanja tal-paċifikazzjoni permezz tad-demm. Din il-kampanja wasslet għall-qtil ta' dawk kollha (anki professjonisti) li kkritikaw l-isfruttament tal-art għal skop ta' mineriji. Din l-istorja baqgħet tirrepeti ruħha anki tul l-aħħar għoxrin sena, wara li seħħ il-ftehim tal-paċi u ġiet fi tmiemha l-Gwerra Ċivili.[33]

Il-kumpaniji privati flimkien mal-Gvern huma obbligati li jkunu miftuħa biex jiddjalogaw flimkien mal-persuni li se jiġu affettwati direttament mill-proġetti tagħhom. Huma, b'rispett lejn dawn in-nies, għandhom ifittxu li jsibu ftehim li jirrispetta liż-żewġ partijiet. Fil-fatt, fir-rapport tagħha, *Amnesty International*, tenfasizza ħafna fuq il-ħtieġa li ssir din il-konsultazzjoni maċ-ċittadini.

Dan ir-rapport ikompli jistqarr li l-kooperazzjonijiet multinazzjonali għandhom id-dmir li jfittxu li jirrispettaw id-drittijiet taċ-ċittadini. Dan fid-dawl tal-fatt li ħafna minn dawn il-kumpaniji, meta jaħdmu f'pajjiżi li jkunu għadhom jiżviluppaw, japprofittaw ruħhom. Dan għaliex, f'dawn il-pajjiżi tendenzjalment il-gvernijiet

[31] See Ibid., art. 31.
[32] Papa Franġisku, *Laudato Si'*, n. 109, 117.
[33] See Power, *Metals mining and sustainable development in Central America. An assessment of benefits and costs*, 13.

ikunu nqas eżiġenti fil-ħarsien tad-drittijiet taċ-ċittadini tagħhom. Dan jgħodd ukoll għall-abbużi ambjentali li huma jwettqu fil-post fejn ikunu qed joperaw. L-istandards li dawn il-kumpaniji jilħqu fl-artijiet li għadhom qed jiżviluppaw huma bil-wisq inqas minn dawk li huma mitluba jilħqu fl-artijiet żviluppati. Peress li dawn il-kumpaniji huma b'saħħithom ħafna, dan iwassal biex tinħoloq kultura ta' nuqqas ta' rispett lejn il-bniedem fl-artijiet fejn ikunu qed joperaw. Nifhmu għalhekk li dawn il-kumpaniji għandhom id-dmir u r-responsabbiltà li jħarsu d-drittijiet tal-bniedem b'mod koerenti fil-postijiet kollha fejn ikunu qed joperaw.[34]

Dan l-isforz kollu għall-ħarsien tal-bniedem jaqbel perfettament mal-Aħbar it-Tajba u mal-morali Kristjana. Ġesù Kristu, tul il-Vanġelu kollu, jenfasizza żewġ prinċipji: "tfittixx li ġġemma l-ġid tal-art" (kontra r-regħba) u "dak li għandek qiegħed hemm biex tagħtih" (favur il-karità). Jeħtieġ għalhekk li ssir interpretazzjoni tajba tal-kmand ta' Alla: "Nisslu u oktru, u imlew l-art, u aħkmuha; u saltnu fuq il-ħut tal-baħar u t-tajr tal-ajru u l-ħlejjaq kollha li jitkaxkru fuq l-art" (Ġen 1,28). Din m'għandhiex tiġi interpretata, bħalma qed jiġri mill-ekonomija attwali, bħala primarjament sejħa għall-massimizzazzjoni tal-profitt, imma sejħa biex jiġu mħarsa l-bżonnijiet reali tal-komunità.[35]

Għaldaqstant, il-kumpaniji għandhom jisfurzaw ruħhom biex flimkien mal-awtoritajiet jaħdmu biex joffru xogħol lin-nies tal-post, sabiex b'hekk anki huma, kif xieraq, ikollhom sehem mill-ġid li toffrilhom l-art tagħhom. Hekk is-soċjetà tiġġieled l-inġustizzja li kontinwament qed isseħħ. Fi kliem Papa Franġisku: "Art il-foqra tan-Nofsinhar hi għanja u ftit li xejn imniġġsa, imma l-aċċess għall-propjetà tal-ġid u tar-riżorsi biex jissodisfaw il-ħtiġijiet tagħhom biex jgħixu, hu mċaħħad lilhom minn sistemi ta' relazzjonijiet kummerċjali u ta' propjetà strutturalment perversa."[36]

---

[34] See Amnesty International, *Guatemala. Mining in Guatemala: Rights at Risk*, 27-30.
[35] See Enrico Chiavacci, *Morale della vita economica, politica di comunicazione* (= Teologia Morale 3/2*)*, terza edizione, Assisi 1998, 216-217.
[36] Papa Franġisku, *Laudato Si'*, n. 52, 55.

# 3. Ir-Responsabbiltà tal-Istati u ta' Organizzazzjonijiet Oħra

Permezz tal-*Liġi tal-Minerija*, il-Gvern tal-Gwatemala kkonferma li hu utli u neċessarju li jiġu mħeġġa l-proġetti ta' mineriji fil-pajjiż. Hu jiġġustifika dan id-dritt għax iqis li kull ħażna minerali: fit-territorju, fil-pjattaforma kontinentali u fiż-żona ekonomika esklussiva tal-pajjiż, hija propjetà tal-Istat.[37]

Il-fatt li l-Istat hu propjetarju ta' din ir-riżorsa, ifisser li l-Gvern jista' jiddisponi minnhom b'mod arbitrarju? X'responsabbiltà u x'obbligi għandu l-Istat lejn iċ-ċittadini tiegħu? Kif jidħlu l-awtoritajiet internazzjonali f'dan ir-rigward? Kif tista' titħares id-dinja, li fi kliem Papa Franġisku, jeħtieġ li nħarsu lejha "bħala patrija u l-bnedmin bħala poplu li jgħix f'dar komuni"[38]?

## 3.1 L-Irwol tal-Istat fil-ħarsien tad-Drittijiet taċ-Ċittadini

Huwa ċar li Papa Franġisku, fid-diskorsi u permezz tal-aġir tiegħu, qiegħed jenfasizza l-ħtieġa li tiġi mħarsa l-vittma, dawk l-aktar vulnerabbli. Dawn huma l-foqra, dawk li jinsabu fil-periferija tas-soċjetà u li għaldaqstant isofru direttament mill-iżbalji tal-politika internazzjonali. Huma dawn il-persuni li jbatu direttament il-konsegwenzi tat-tibdil fil-klima u mill-isfruttament qawwi tar-riżorsi naturali.[39]

Il-Knisja għallmet dejjem, speċjalment tul l-aħħar sekli, li l-istat għandu l-irwol li jħares lil kull ċittadin. In-Nazzjonijiet Magħquda, permezz tad-*Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem*, stqarret ukoll li kull membru tas-soċjetà għandu d-dritt għas-sigurtà soċjali u għar-realizzazzjoni tiegħu nnifsu bħala persuna, permezz tal-organizzazzjoni u tar-riżorsi tal-pajjiż partikulari tiegħu.[40]

Dan ifisser li l-istati, dakinhar li ffirmaw din id-Dikjarazzjoni, refgħu fuq spallejhom ir-responsabbiltà li jħarsu d-dinjità ta' kull ċittadin li jgħix fit-territorju tagħhom. Għaldaqstant, l-istati għandhom id-dmir li jħaddmu r-riżorsi tagħhom għas-servizz tal-ġid komuni. Fil-fatt, il-ħarsien tal-ġid komuni hu l-unika valur li

[37] See Gobierno de Guatemala. Ministerio de Energía y Minas, *Ley de Minería y su Reglamento Guatemala*, art. 7-8.
[38] Papa Franġisku, *Laudato Si'*, n. 164, 173.
[39] See Elizabeth Dias, *The New Roman Empire*, in *Time* 186/12 (28 September 2015), 30.
[40] See United Nations, *The Universal Decleration of Human Rights* (10 December 1948), art. 22, in *United Nations* (on-line) : http://www.un .org/en/universal-declaration-human-rights/ (9 December 2015).

jiġġustifika l-eżistenza tal-istat. L-istat għandu għalhekk id-dmir li joħloq il-kundizzjonijiet meħtieġa biex kull individwu jkun jista' jilħaq il-finalità terrena u eterna tiegħu. Kull ċittadin għandu d-dritt għall-kundizzjonijiet ġuridiċi meħtieġa, jiġifieri l-garanzija li tiġi mħarsa l-libertà tiegħu u l-ugwaljanza taċ-ċittadini quddiem il-liġi. Meħtieġa wkoll il-kundizzjonijiet konkreti, jiġifieri il-ġid materjali u spiritwali li jagħmluha possibbli li l-individwu jersaq aktar lejn il-perfezzjoni.[41]

Fil-kuntest tal-Gwatemala, lill-Knisja jinkwetaha l-fatt li l-Istat mhux jerfa' din ir-responsabbiltà tiegħu. Hi tqis li l-Istat hu assenti, b'tali mod li mhux joħloq il-kundizzjonijiet ġuridiċi meħtieġa għall-iżvilupp taċ-ċittadini. Fil-Gwatemala mhux qed tiġi mħarsa l-ġustizzja u s-sigurtà. Gruppi ta' kriminalità organizzata qed jheddu lill-Gvern u dan qiegħed iċehdi għall-pressjoni tagħhom. Fil-fatt l-Istat tal-Gwatemala qed ikollu jirrikorri għall-forza militari biex iżomm l-ordni. Il-preżenza tal-armata fit-toroq tixhed li f'dal-pajjiż id-demokrazija mhix titħaddem tajjeb.[42]

L-Istat l-anqas ma qiegħed jagħmel ħiltu biex jiggarantixxi li jinħolqu l-kundizzjonijiet materjali u spiritwali meħtieġa biex ikun hemm l-iżvilupp veru u propju taċ-ċittadini kollha. Fil-fatt, ħafna drabi d-deċiżjonijiet marbuta ma' proġetti ta' mineriji jittieħdu mingħajr ma jkun hemm konsultazzjoni. Dan jikkonferma li għalkemm fil-Gwatemala r-riżorsi naturali huma ħafna, dawn qed jiġu wżati biex jitħarsu l-interessi ta' ftit nies. Il-ġustizzja titlob li primarjament igawdu mill-frott tal-mineriji l-komunitajiet li jgħixu fl-akwati, biex hekk is-sitwazzjoni tagħhom tista' tiġi 'l quddiem.

Quddiem dan kollu l-Knisja tal-Gwatemala tistaqsi jekk l-industrija tal-minerija hix verament qed tgħin biex ikun hemm żvilupp integrali u sostenibbli fil-pajjiż. Hi temmen li din l-industrija qed toffri biss benefiċċji immedjati għall-ekonomija u qed tħalli warajha ħsara ambjentali kbira, telfien ta' riżorsi, ħsara fuq il-persuni li jgħixu fl-akwati tal-proġetti u konflitti soċjali kbar fi ħdan il-pajjiż.[43]

## 3.2 L-Impenn favur il-Ġid Komuni tal-Umanità

---

[41] See CHIAVACCI, 273-277.
[42] See DIÓCESIS DE SAN MARCOS, *Ante los últimos acontecimientos que se han vivido en el Departamento de San Marcos*.
[43] See DIÓCESIS DE QUICHÉ, *Ante la Problemática de Hidroeléctricas y Minerías*.

Papa Franġisku, f'diskors li għamel lill-ministri ambjentali Ewropej, f'Settembru 2015, fakkar fi tliet prinċipji li għandhom jiggwidaw lil min qed imexxi: is-solidarjetà, il-ġustizzja u l-parteċipazzjoni. Hu spjega li l-pajjiżi li jifilħu jeħtieġ juru solidarjetà ma' dawk inqas f'saħħithom billi joffrulhom għodod li bihom jistgħu jiġġieldu l-qerda tal-ambjent u l-faqar. Dan għandhom jagħmluh b'sens ta' ġustizzja u b'risposta għall-inġustizzji li l-pajjiżi sinjuri wettqu fil-passat meta sfruttaw dawk inqas żviluppati. Din il-ġustizzja tista' sseħħ jekk il-pajjiżi żviluppati jimplimentaw sistemi ta' żvilupp sostenibbli u billi jrawmu f'nieshom attitudnijiet ġodda, attitudnijiet ekoloġiċi. Jeħtieġ ukoll li kulħadd jipparteċipa f'din il-missjoni ta' impenn favur il-qerda tal-inġustizzja.[44]

Min-naħa tagħha l-Knisja tagħraf li din is-sejħa, biex tisma' l-għajta tal-fqir, hi sejħa magħmula lilha minn Alla u li toħroġ mill-Vanġelu. Papa Franġisku, fl-Eżortazzjoni Appostolika *Evangelii Gaudium* ammatta li: "aħna mhux dejjem ħa nkunu kapaċi nuru bl-aħjar mod l-istess ġmiel tal-Vanġelu, imma hemm sinjal li m'għandu qatt jonqos: l-għażla favur l-aħħar fost iċ-ċkejknin, favur dawk li s-soċjetà tbarri u tarmi"[45]. Fl-istess waqt il-Papa jammetti li l-Knisja ma tistax tieħu post il-politika fil-ħidma tagħha favur il-foqra: "il-Knisja mhix tippretendi li tagħti definizzjoni hi tal-kwistjonijiet xjentifiċi, lanqas li tieħu post il-politika, imma nistieden għal dibattitu onest u trasparenti, biex il-ħtiġijiet partikulari u l-ideoloġiji ma jagħmlux deni lill-ġid komuni"[46].

Hawn jidħol is-sehem tal-organizzazzjonijiet internazzjonali. Dawn isibu l-ġustifikazzjoni tal-eżistenza tagħhom fil-fatt li aħna l-bnedmin ngħixu lkoll f'dinja waħda, b'tali mod li d-deċiżjonijiet u l-azzjonijiet li jieħu pajjiż wieħed, jaffettwaw lil diversi komunitajiet oħra. Għaldaqstant, "l-interdipendenza tobbligana naħsbu f'dinja waħda, proġett komuni"[47].

Tul l-aħħar ħamsin sena sar sforz kbir sabiex jitħares il-bniedem billi jitqiegħdu limiti għall-iżvilupp u l-isfruttament tal-ambjent, li ġab ħsara kbira lill-istess umanità. Għad fadal ħafna x'isir, speċjalment fil-pajjiżi li huma żviluppati. L-

[44] See Pope Francis, Message to the Environment Ministers of the European Union (16 September 2015), in *L'Osservatore Romano* 48/xxxviii (18 September 2015), 4.

[45] Papa Franġisku, Eżortazzjoni Appostolika *Evangelii Gaudium* (24 ta' Novembru 2013), n. 195, fi *laikos.org* (on-line) : http://www.laikos.org /EG.htm (10 ta' Diċembru 2015).

[46] Papa Franġisku, *Laudato Si'*, n. 188, 193-194.

[47] Ibid., n. 164, 174.

għaqdiet internazzjonali għandhom id-dmir li jkomplu jagħmlu pressjoni biex dawn il-pajjiżi jifhmu l-bżonn urġenti li jitħares il-bniedem. Papa Franġisku f'dan id-dawl jistqarr, li: "għall-pajjiżi foqra, il-prijoritajiet għandhom ikunu li jinqered il-faqar u li jġibu l-iżvilupp soċjali tan-nies li tgħix fihom; fl-istess ħin għandhom jieħdu nota tal-livell skandaluż ta' konsum f'ċerti oqsma pprivileġġjati tal-poplu tagħhom u jeħduha iktar kontra l-korruzzjoni"[48].

Għalkemm is-sovranità ta' kull pajjiż għandha tiġi mħarsa, il-Papa jgħid li jeħtieġ li l-istati: "jistabbilixxu metodi miftiehma biex jevitaw xi katastrofi lokali li tispiċċa tagħmel ħsara lil kulħadd"[49]. Il-Knisja taqbel għalhekk li "għat-tmexxija tal-ekonomija globali... teżisti l-ħtieġa urġenti ta' awtorità politika dinjija vera"[50].

Papa Franġisku fehem li preżentament, fid-dinja tagħna, neħtieġu "nipproponu ekoloġija li fid-diversi dimensjonijiet tagħha, tħares il-post speċifiku li għandu l-bniedem f'din id-dinja u r-relazzjonijiet tiegħu mar-realtà ta' madwaru"[51]. Din hi l-ekoloġija integrali. Għaldaqstant l-awtoritajiet internazzjonali u l-awtoritajiet lokali jeħtieġ isawru ekoloġija ekonomika. Dan iwassal biex l-ekonomija tinqara fuq livell usa'. B'dan il-mod l-analiżi tal-problemi ambjentali, ħafna drabi marbuta mal-isfruttament li jseħħ frott l-ekonomija, jinqraw f'kuntesti akbar, għax: "l-analiżi tal-problemi ambjentali ma tistax tifridha mill-analiżi tal-kuntesti tal-bniedem, tal-familja, tax-xogħol, u mir-relazzjoni ta' kull persuna magħha nfisha, li toħloq mod partikulari ta' kif iġġib ruħha mal-oħrajn u mal-ambjent."[52]

L-ekoloġija tinkludi fiha wkoll il-ħarsien tal-wirt storiku, artistiku u kulturali. "L-impożizzjoni ta' stil dominanti ta' ħajja marbut ma' mod wieħed ta' produzzjoni jista' jagħmel ħsara daqs meta tinqaleb ekosistema ta' taħt fuq"[53]. Jiġi f'moħħna l-każ tal-komunitajiet indiġeni fil-Gwatemala, li minħabba l-minerija qed ikollhom jabbandunaw l-istil ta' ħajja tagħhom bir-riskju li jitilfu l-identità tagħhom.

L-ekoloġija umana tippreżenta quddiemna ċ-ċentralità tal-ħarsien tal-ġid komuni tal-umanità. "Il-ġid komuni jitlob ir-rispett tal-bniedem bħala tali, bil-jeddijiet fundamentali u inaljenabbli ordnati lejn l-iżvilupp sħiħ tiegħu... il-ġid u s-sigurtà

---

[48] Papa Franġisku, *Laudato Si'*, n. 172, 181.
[49] Ibid., n. 173, 181.
[50] Ibid., n. 175, 183.
[51] Ibid., n. 15, 20.
[52] Ibid., n. 141, 151.
[53] Ibid., n. 145, 155.

tal-persuni u l-iżvilupp ta' diversi gruppi intermedjarji bl-applikazzjoni tal-prinċipju tas-sussidjarjetà." Il-ġid komuni jfittex ukoll li sseħħ realment il-paċi soċjali, permezz ta' attenzjoni speċjali għall-ġustizzja distributtiva.[54]

## Konklużjoni

Il-kwistjoni tal-minerija fil-Gwatemala, studjata tul dan il-każ morali, mhix kwistjoni limitata biss għall-iżvilupp ekonomiku f'dan il-pajjiż. Ħafna drabi jiġri li fid-deċiżjonijiet marbuta ma' kull xorta ta' żvilupp u industrija jkun hemm konflitti kbar ta' valuri. L-iżvilupp sostenibbli, propost mill-organizzazzjonijiet mundjali u li ħareġ mid-diversi *summits* tan-Nazzjonijiet Uniti, hu risposta li tlaqqa' flimkien dawn id-diversi valuri u tressaqhom kemm jista' jkun lejn xulxin.

L-ekoloġija integrali proposta minn Papa Franġisku fl-Enċiklika *Laudato Si'* tkompli tgħolli l-kunċett ta' żvilupp sostenibbli. Din l-ekoloġija tpoġġi lill-bniedem fil-veru post tiegħu filwaqt li tindirizzah għad-dinjità vera tiegħu. Interessanti għalhekk, li Papa Franġisku jagħraf li l-għeruq ta' din il-viżjoni ekoloġika integrali jinsab fl-Iskrittura Mqaddsa. Hi l-fidi li ddawwal din il-viżjoni. Il-Papa jenfasizza, li: "jekk irridu tabilħaqq nibnu ekoloġija li tagħtina li nsewwu dak kollu li qridna, mela l-ebda fergħa tax-xjenza u l-ebda xejra ta' għerf ma nistgħu nwarrbuha għall-ġenb, l-anqas dik reliġjuża bil-lingwaġġ li hu tagħha"[55].

Il-fidi Kristjana tfakkarna li jeħtieġ li niċħdu għal kull ħakma despotika u irresponsabbli min-naħa tal-bniedem fuq il-ħlejjaq. Dan għax il-fidi tgħallimna, li:

> L-għan aħħari tal-ħlejjaq mhuwiex aħna. Anzi, kollox hu miexi, flimkien magħna u permezz tagħna, lejn destinazzjoni komuni, li hu Alla, f'milja traxxendenti fejn Kristu Rxoxt iħaddan miegħu u jdawwal kollox. Fil-fatt, il-bniedem, mogħni b'intelliġenza u bi mħabba, u miġbud lejn il-milja fi Kristu, hu msejjaħ iwassal lill-ħlejjaq l-oħra kollha lura għand il-Ħallieq tagħhom.[56]

[54] Ibid., n. 157, 164.
[55] Papa Franġisku, *Laudato Si'*, n. 63, 68.
[56] Ibid., n. 83, 87.

## BIBLIJOGRAFIJA

AMNESTY INTERNATIONAL, *Guatemala. Mining in Guatemala: Rights at Risk* (September 2014), in *amnesty.org* (on-line) : http://www.amnesty.ca/sites/amnesty/files/mining-in-guatemala-rights-at-risk-eng.pdf (19 November 2015).

CHIAVACCI Enrico, *Morale della vita economica, politica di comunicazione* (= Teologia Morale 3/2*)*, terza edizione, Assisi 1998.

CONFERENCIA EPISCOPAL DE GUATEMALA. COMISIÓN OMISIÓN PASTORAL DE LA TIERRA NACIONAL, *Comunicado de la Pastoral de la Tierra Nor Oriente* (22 abril 2015) in *Conferencia Episcopal de Guatemala* (on-line) : http://www.iglesiacatolica.org.gt/20150422.pdf (3 December 2015).

DIAS Elizabeth, *The New Roman Empire*, in *Time* 186/12 (28 September 2015), 26-31.

DIÓCESIS DE QUICHÉ, Mensaje a las comunidades católicas y a la población en general, *Ante la Problemática de Hidroeléctricas y Minerías* (15 septiembre 2014) in *Conferencia Episcopal de Guatemala* (on-line) : http://www.iglesiacatolica.org.gt/20140915.pdf (3 December 2015).

DIÓCESIS DE SAN MARCOS, Comunicado a la opinión pública, nacional e internacional, *Ante los últimos acontecimientos que se han vivido en el Departamento de San Marcos* (22 junio 2013) in *Conferencia Episcopal de Guatemala* (on-line) : http://www.iglesiacatolica.org.gt/20130622.pdf (3 December 2015).

FRANCIS, Pope, Message to the Environment Ministers of the European Union (16 September 2015), in *L'Osservatore Romano* 48/XXXVIII (18 September 2015), 4.

FRANĠISKU, Papa, Enċiklika *Dwar l-Għożża tad-Dar Komuni*. *Laudato Si'* (24 ta' Mejju 2015), edizzjoni Maltija, Malta 2015.

FRANĠISKU, Papa, Eżortazzjoni Appostolika *Evangelii Gaudium* (24 ta' Novembru 2013), fi *laikos.org* (on-line) : http://www.laikos.org/EG.htm (10 ta' Diċembru 2015).

*Gaudium et Spes. Kostituzzjoni Pastorali dwar il-Knisja fid-Dinja tal-Lum* (7 ta' Diċembru 1965), f'*Id-Dokumenti tal-Konċilju Ekumeniku Vatikan II*, Valletta ²2003, 331-412.

GOBIERNO DE GUATEMALA. MINISTERIO DE ENERGÍA Y MINAS, *Anuario Estadístico Minero 2014* (Junio 2015), in *Gobierno de Guatemala* (on-line) : http://www.mem.gob.gt/wp-content/uploads/2015/06/ANUARIO-ESTAD%C3%8DSTICO-MINERO-2014.pdf (19 November 2015).

GOBIERNO DE GUATEMALA. MINISTERIO DE ENERGÍA Y MINAS, *Ley de Minería y su Reglamento Guatemala* (11 mayo 2001), in *Gobierno de Guatemala* (on-line) : http://www.mem.gob.gt/wp-content/uploads/2015/06/2._Reglamento_a_Ley_de_Mineria_Acuerdo_Gubernativo_176_2001.pdf (8 December 2015).

ĠWANNI PAWLU II, San, Enċiklika Enċiklika *Fuq ix-Xogħol tal-Bniedem*. *Laborem Exercens* (14 ta' Settembru 1981), fi *laikos.org* (on-line) : http://www.laikos.org/Papiet_Index.htm (8 ta' Diċembru 2015).

PESCHKE Karl H., *Christian Ethics. Moral Theology in the Light of Vatican II*, II, New Revised Edtion, Bangalore 2004.

POWER Thomas M., *Metals mining and sustainable development in Central America. An assessment of benefits and costs* (2008), in *Oxfam America MA* (on-line) : http://www.oxfamamerica.org/static/media/files/metals-mining-and-sustainable-development-in-central-america.pdf (3 December 2015).

UNITED NATIONS, *The Universal Decleration of Human Rights* (10 December 1948), in *United Nations* (on-line) : http://www.un.org/en/universal-declaration-human-rights/ (9 December 2015).

ZARSKY Lyuba – Leonardo STANLEY, *Searching for Gold in the Highlands of Guatemala: Economic Benefits and Environmental Risks of the Marlin Mine* (September 2011), in Global Development and Environment Institute: *Tufts University MA* (on-line) : https://ase.tufts.edu/gdae/policy_research/marlinemine.pdf (3 December 2015).